MSIDA

**KUNSILL LOKALI MSIDA**
Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| Riferenza: | Minuti tas-Seduta 39/K7/2015 |
| Data: | It-Tnejn 21 ta' Diċembru 2015 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Ħin: | Il-laqgħa bdiet fis-18:09 |

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku | Sna Margaret Baldacchino Cefai |
| | Kunsilliera | Sur Matthew Agius<br>Sur Charles Selvaggi<br>Sur Emanuel Brincat<br>Sra Romina Galea |
| | Skużati | Sur Alan Abela Wadge<br>Sur Maurice Agius<br>Sur Matthew Mangion - Chairman KAS |
| | Assenti | Sur Lino Bartolo<br>Dr. Alex Sciberras |
| | Ambaxxatur Vot 16 | Sur Mark Aquilina |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | | Sur Christopher Cutajar |

Is-Sindku qalet talba lil San Ġużepp fil-bidu tal-laqgħa.

Is-Sur Alan Abela Wadge talab li jkun skużat ħabba raġunijiet ta' saħħa permezz ta' imejl u s-Sur Maurice Agius talab li jkun skużat permezz ta' telefonata minħabba impennji oħra. Il-Kunsillieri preżenti laqgħu t-talbiet tagħhom.

**1. Approvazzjoni tal-Minuti**

1786 Is-Sindku proponiet l-approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 38/K7/2015 hekk kif emendati, imtella' nhar l-24 ta' Novembru 2015. Is-Sur E Brincat issekondaha. Il-minuti ġew approvati unanimament.

**2. Materji mill-Minuti**

1787 Dwar 1751. Is-Sur E Brincat qal li ltaqa' mal-Perit D Micallef u spjega li qed jistenna rapport mill-Perit. Semma' wkoll li fi Triq Indri Grima hemm ix-xewqa tal-Kumitat Amministrattiv Swatar (KAS) li jsir forma ta' belvedere. Is-Segretarju kkorrisponda mad-Dipartiment tal-Proprjeta' tal-Gvern u ġie kkonfermat li l-għelieqi biswit u iktar l'isfel mit-triq, huma privati. Is-Sur E Brincat qal li f'laqgħa li saret mas-Segretarju u membru tal-KAS fuq il-post, ġie propost li flok ikun hemm gallarija sporġuta 'l barra, titwessa' l-bankina fil-parkeġġi b'tali mod li jittieħdu erba' parkeġġi, f'żona li ma hemmx problemi ta' parkeġġ. Il-Kunsill qabel dwar dan.

1788 Dwar 1754 li titratta ċ-ċaqliq 'l fuq tal-*pedestrian crossing* f'Rue D'Argens. Is-Sur C Selvaggi saqsa kienx hemm żviluppi. Is-Sur E Brincat qal li s-Segretarju reġa' kiteb biex ifakkar lil Transport Malta dwar dan. Is-Sur C Selvaggi qal li fir-rigward ta' Triq il-Wied hemm bżonn li jkun ikkonfermat li l-*pedestrian crossing* tista' ssir. Ġie maqbul li għandha terġa' tintbagħat korrispondenza li tkun ikkupjata lill-Ministru kkonċernat dwar dan il-każ.

1789 Dwar 1756. Is-Sur C Selvaggi saqsa kienx hemm żviluppi dwar korsijiet tal-first aid. Is-Segretarju qal li s-Sindku għaddietlu l-lista tal-għaqdiet u se jkun qed jgħaddi l-korrispondenza meħtieġa lilhom.

1790 B'referenza għal 1759 li kienet titratta bidliet fil-marki taż-żebgħa mitluba minn *Lino Spiteri Foundation*. Is-Sur C Selvaggi qal li għandha ssir kaxxa safra quddiem ix-xatba u li l-bankina tiġi b'rampa għolja daqs l-għatba biex tippermetti lill-pedestrians u lill-persuni b'diżabilita' jkollhom aċċess. Il-Kunsill qabel dwar dan.

**3. Korrispondenza**

1791 Is-Sindku qalet li bħal kull sena is-soċjeta' tal-MUSEUM, permezz ta' ittra datata 12 ta' Novembru 2015, talbet li l-Kunsill japprova l-kollaborazzjoni tal-Kunsill billi jkunu megħjuna fil-kiri tas-siġġijiet għall-programm ta' lejliet il-Milied. Il-Kunsill qabel li jsir dan fl-istess livell ta' sostenn bħas-snin ta' qabel.

1792 Dwar il-korrispondenza li rċieva l-Kunsill mill-Għaqda Melita Banda San Ġużepp datata l-25 ta' Novembru, 2015, ġie maqbul li m'għandux jinqabeż l-ammont tas-sena 2014 (Ara 'DOK A' anness).

1793 Is-Sindku qalet li f'ċirkolari mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-Kunsill intalab jidentifika żewġ siti oħra għall-aċċess tal-WiFi b'xejn. Il-Kunsill iddeċieda li s-siti suġġeriti jkunu Misraħ San Ġużepp u Triq Victor Denaro.

1794 Is-Sindku semmiet li hemm każ ta' infurzar mill-MEPA bir-referenza EC/00312/15 hekk kif post li huwa approvat biex jintuża bħala *showroom*, qiegħed jintuża għal laqgħat ta' talb (Ara 'DOK A1' anness).

1795 Il-Kunsill ser ikun qiegħed jiċċekkja t-talba għal-un/loading bay li saret minn Arcidiacono Ltd. (Ara 'DOK B' anness).

**4. Ħlasijiet**

1794 Is-Sindku proponiet li l-iskeda tal-ħlasijiet għall-perjodu 21/11/2015 sa 17/12/2015 tiġi approvata. Il-Kunsilliera s-Sra R Galea ssekondatha. Is-Sur Matthew Agius ġibed l-attenzjoni dwar items 20 u 21, 34 u 35 peress li jista' jkun hemm bżonn li jsiru xi korrezzjonijiet dwarhom. L-iskeda tal-ħlasijiet ġiet

approvata unanimament salv għal korrezzjonijiet li nġibdet l-attenzjoni dwarhom (Ara 'DOK Ċ' anness).

**5. Komunikazzjoni minn laqgħat li saru**

1795 Is-Sindku semmiet li saret laqgħa mal-Perit David Vassallo fir-rigward ta' Triq il-Wied. Is-Sur E Brincat qal li x-xogħol se jsir minn Triq il-Ġibjun sat-*traffic lights*. Semma' li ġibed l-attenzjoni biex il-Bus Stop jibqa' fejn huwa fil-preżent, ċjoe' viċin L-Għajn tal-Ħasselin. Is-Sindku qalet li l-*water culverts* jeħtieġ ikunu miftuħa.

1796 Is-Sindku semmiet kif flimkien mas-Segretarju attendiet għal laqgħa fil-Ministeru tat-Turiżmu dwar il-pjan li l-latrini pubbliċi jgħaddu f'idejn il-Gvern Ċentrali taħt proġett ta' *public private partnership*.

1797 Is-Sur E Brincat semma' li saret kollaborazzjoni mal-iskola Mater Dei biex isir tindif fil-ġnien tad-Dar tal-Anzjani.

1798 Is-Sindku qalet li flimkien mas-Sur E Brincat kienet preżenti għal laqgħa li saret fil-Ministeru tat-Trasport li matulha ġew introdotti iktar rotot. Is-Sur C Selvaggi qal li rċieva korrispondenza fir-rigward tal-frekwenza tar-rotot u dwar iż-żona ta' Tal-Qroqq. Qal li jeħtieġ li jkunu ċċekkjati mill-ġdid dawn ir-rotot biex ikun verifikat jekk sarux tibdiliet li jtejbu s-servizz f'din iż-żona.

**6. Finanzi**

1799 Il-Kunsill approva r-Rapport ta' kull kwart li jkopri l-perjodu Jannar sa Settembru 2015 (Ara 'DOK D' anness).

**7. Staff**

1800 Tliet impjegati ressqu talba sabiex ikun hemm ammonti ta' sigħat ta' *Vacation Leave* imġedda. It-talbiet kienu hekk kif ġej; Sra Rachel Aquilina – 96 siegħa;

Sra Sonia Vassallo – 31.75 siegħa; Sna Mirane Camilleri – 96 siegħa. It-talbiet imressqa ġew approvati mill-Kunsill.

1801 Ġie diskuss in-natura tal-impjieg tas-Sra Rachel Aquilina peress li l-ftehim dwar *Teleworking* jiskadi fl-aħħar ta' Diċembru 2015. Ġie deċiż li s-Sra R Aquilina għandha toffri tal-anqas 30 siegħa ta'preżenza fl-uffiċċju imqassmin fuq medda ta' ħamest ijiem fil-ġimgħa.

1802 Il-Kunsill qabel li l-performance bonus għas-sena ta' ħidma mwettqa mis-Segretarja s-Sra Marita Portelli, l-Aġent Segretarju s-Sur Arthur Perici u l-Aġent Segretarju s-Sur Christopher Cutajar għandu jingħata b'mod sħiħ, ċjoe' 10%.

1803 Dwar il-performance bonuses tal-impjegati klerikali, il-Kunsill qabel li dawn jingħataw b'mod sħiħ, ċjoe' 6%.

## 8. Ilmenti u talbiet lill-Kunsill

Ma tressqu ebda ilmenti u talbiet taħt dan il-punt fuq l-aġenda.

## 9. Affarijiet oħra

1804 Is-Sur Emanuel Brincat qal li fis-7 ta' Frar għandha ssir żifna tal-Karnival bil-parteċipazzjoni tal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ. Il-Kunsill qabel dwar dan.

1805 Is-Sur Matthew Agius tkellem dwar kawża li nqatgħet fil-Qorti u li ssemmiet fil-mezzi tax-xandir. Is-Sindku qalet li dan każ kien seħħ fis-sena 2013. Is-Sur Matthew Agius qal li s-sentenza għandha tkun appellata u li fir-rigward ta' relazzjonijiet pubbliċi l-Kunsill għandu jwieġeb li titjib tal-infrastruttura jsir skont ir-riżorsi li huma fdati f'idejn il-Kunsill. Qal li hemm bżonn li ssir reazzjoni li turi li ssir manutenzjoni regolari. Se jkun qed jintalab parir tal-Avukat dwar din il-materja u l-Kunsill jimxi skont kif ikun suġġerit lilu.

1806 Kien hemm qbil mill-Kunsilliera li l-ikla annwali tal-Kunsill issir ġewwa r-ristorant Vecchia Napoli fi Sky Parks, Ħal Luqa nhar is-Sibt 9 ta' Jannar, 2016.

**10. Aġġornament**

1807 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 26 ta’ Jannar 2016 fil-17:30.

Tmiem: 19:58 hrs

Minuti approvati llum ___________________________________

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

Christopher Cutajar
Aġent Segretarju Eżekuttiv